# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 1530

Kaz Nru 1669

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Marisa Briffa

u

Tower Supermarket Complex

Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

27ta' Lulju, 2004

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)

## INTRODUZZJONI

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 6 ta' Gunju, 2002 Ref. MSP/TI/54/2002, biex tigi processata skond l-Provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ms Marisa Briffa li minn issa tidher bhala l-Appellanti, kienet assistita mill-Avukat Chris Cardona u ghas-Socjeta intimata deher is-Sur Mark Borg assistit mill-Avukat John Refalo.

## FATTI TAL-KAZ

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz l-appellanti tghid, li kienet dahlet tahdem bhala kaxxiera mas-socjeta fis-6 ta' Novembru, 2002 u x-xoghol taghha kien ta' kaxxiera. Hija tghid wkoll, li

dejjem ghamlet ix-xoghol taghha tajjeb u qatt ma giet moghtija twissijiet la bil-fomm u lanqas bil-miktub.

Fl-istqarrija tal-kaz tkompli tghid, li gimgha qabel it-tieg taghha li kien fis-17 ta' Marzu 2002, giet infurmata mill-employer taghha li kienet se tibqa tahdem maghhom sa gimghatejn ohra u l-imghallem taghha qallha li kienet se titkecca mill-impieg ghax kienet tqila qabel ma kienet bdiet tahdem maghhom u li ghalhekk ma kienitx tajba ghax-xoghol. Hija tkompli tghid, li innegat dan u infatti hemm certifikati li jikkonfermaw li ma kienitx tqila qabel ma giet impjegata mas-socjeta.

L-appellanti ttemm l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li minkejja li spjegat lis-superjuri taghha li kienet behsiebha tkompli tahdem b'danakollu xorta tterminawlha l-impieg taghha.

Is-Socjeta ntimata da parti taghha tghid, li kien ghal nofs Novembu 2001 li l-appellanti kienet giet imsejha fl-istabeliment tas-socjeta biex tattendi ghal-interview dwar xoghol ta' kaxxiera ma l-istess socjeta u wara li gew spjegati lilha il-kundizzjonijiet u n-natura ta' l-impieg, l-appellanti giet mistoqsija jekk kienx bi hsiebha tidhol ghal dan ix-xoghol ghal tul ta' zmien u jekk seghtatx tkun flessibbli fil-hinijiet tax-xoghol minhabba li kienu jahdmu b'sistema ta' shift inkluz is-Sibt. Ghal dawn il-mistoqsijet hija irrispondiet illi ma ssib ebda problema u kellha l-intensjoni ghall-impieg fuq tul ta' zmien. Is-socjeta tghid, li l-ghan ghal dawn il-mistoqsijiet kienu peress li in-natura ta' xoghol ta' kaxxiera kien jinvolvi ammont sostanzjali ta' responsabilita' u zmien konsiderevoli ta' preparament u tahrig.

Is-Socjeta tkompli tghid, li wara inqas minn xaghrejn li l-appellanti bdiet fl-impieg hija talbet ghal tlett gimghat leave mill-ewwel gimgha sa l-ahhar gimgha ta' Marzu ghar-raguni li kienet ser tizzewweg. Is-Socjeta tkompli tghid, li meta staqsew lill-appellenti ghall-liema raguni ma kieneitx infurmat lill-management b'dan fl-interview hija ma gharfitx tirrispondi. Is-Socjeta tkompli tghid, li spjegawlha li f'dan il-perjodu tat-talba taghha ghal leave kien se jkun zmien il-festi ta' l-Ghid u ghaldaqstant ma kienx ghazla

ohra hlief li hi tigi mwaqqfa mill-impieg taghha biex jsibu mpjegata ohra. Is-Socjeta tkompli tghid, li wara din id-decizjoni tal-Kumpanija l-appellanti talbet lill-management biex jekk ikun possibli tkompli tahdem mas-socjeta sakemm jsibu sostitut ghall-impieg taghha u ghal dan giet milqugha it-talba taghha.

Is-Socjeta ttemm l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid li l-impieg ta' l-appellenti gie mitmum fid-9 ta' Marzu 2002 fuq relazzjoni tajba.

PROVI

Matul is-seduti it-Tribunal Industrijali ezamina x-xhieda u dokumenti esebiti u jirrizulta li l-appellenti bdiet fl'impieg mas-socjeta fit-12 ta' Novembru 2001 bhala kaxxiera u matul il-hajja ta' l-impieg taghha qatt ma kellha twissijiet la bil-fomm u lanqas bil-miktub. Mill-provi jirrizulta, li f'Jannar 2002, l-appellanti saret taf li kienet tqila u invista ta' dan talbet lill-management ghal tlett gimghat leave sabiex tizzewweg f'Marzu, 2002 liema talba l-management ma laqax u ittermina l-impieg taghha. Matul it-trattazzjoni tal-Kaz gew imressqa wkoll quddiem it-Tribunal Industrijali verzjonijiet dwar id-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg fejn il-management jghid li t-termina l-impieg fl-10 ta' Jannar 2002 waqt iz-zmien ta' prova, izda zamm fl'impieg lill-appellanti sa 9 ta' Marzu 2002.

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda billi jikkunsidra id-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellanti fejn mill-provi jirrizulta li l-ahhar gurnata tax-xoghol ta' l-appellanti kienet 9 ta' Marzu 2002 u ghaldaqstant b'dan gie stabilit it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellanti saret wara li ghadda iz-zmien ta' prova. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, it-tieni aspett ta' dan il-kaz fejn il-provi jindikaw li meta saret it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellanti hija kienet tqila b'tarbija u l-management kien konxju ta' dan il-fatt u ttermina l-impieg ta' l-appellanti ghax irrejalizza li l-istat ta' l-appellanti kien se jwassal biex hi ma tkunx tista' tahdem

b'certa flessibilta' kif ukoll li kien se jkun hemm zmien fejn hi ma tkunx tista' tattendi regolarment biex taqdi d-doveri taghha.

DECIZJONI

Wara li it-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotta, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, it-Tribunal Industrijali jiddikjara li m'hux sodisfatt li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellanti kienet saret ghal raguni tajba u sufficjenti.

It-Tribunal Industrijali, wara li ha l-konsiderazzjonijiet kollha tal-kaz jiddeciedi li fic-cirkostanzi m'ghandux jinghata l-impieg lura, izda ghandu jithallas kumpens mill-Kumpanija lill-appelanti li jammonta ghas-somma ta' LM750 (seba' mija u hamsin lira maltija).

Dan il-kumpens ta' LM750 (seba' mija u hamsin lira maltija) ghandu jithallas mill-kumpanija lill-appellanti sa nhar il-Gimgha 27ta' Awissu, 2004.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol

Harold Walls
Chairman

Vince Micallef
Segretarju